# Is-Santwarju tal-Madonna ta' Pompei fil-Belt Victoria f'Għawdex



Mario Fenech

Waħda mill-knejjes li niltaqgħu magħha fil-belt Victoria f'Għawdex hija s-Santwarju tal-Madonna ta' Pompei li tagħmel parti mill binja kbira li fiha hemm il-Kunvent u l-Iskola tas-sorijiet Dumnikani.

Ġiet mibnija bejn is-sena 1895 u s-sena 1900 fuq il-pjanta tal-arkitett Vincenzo Mercieca li dak iż-żmien kien il-perit ewlieni tal-Gvern.

Il-Madre Superjura li kienet tmexxi lis-sorijiet matul il-perjodu tal-bini tal-Knisja kienet Suor Imalda Diacono, fil-waqt li d-Direttur Spiritwali kien il-Kan. Dun Salvatore Grech.

L-ewwel ġebla tal-bini tal-bini tal-Knisja tqeghdet mill Isqof Giovanni Marija Camilleri nhar il-Ħadd 10 ta' Marzu 1895.

Tlestiet mill bini u nfetħet u tbierket il-Ħadd 25 ta' Marzu 1900 nhar il-Festa ta' Marija Annunzjata mill-Isqof Camilleri stess.

Ġiet Ikkonsagrata mill-Isqof Awżiljarju Mons. Angelo Portelli nhar l-1 ta' Lulju 1923.

Il-Kwadru Titulari tal-Madonna ta' Pompei sar mill-artist Lazzaro Pisani li pinġa fiħ kopja ta' dak li hemm fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pompei fl-Italja. Kien ħallas għaliħ is-Sur Vincenzo Vella li kien minn tas-Sliema. Il-Kwadru kien lest ftit taż-żmien qabel ma ġiet miftuħa l-Knisja.

Sentejn wara l-ftuħ tal-Knisja l-artist Lazzaro Pisani pinġa l-Kwadru ta' San Vincenz Ferreri għal fuq wieħed mill-artali laterali. Ħallas għal dan il-Kwadru Vincenzo Caruana u sentejn wara



*Il-Kwadru Inkurunat*



*L-artal ta' San Vincenz*



*L-statwa tar-Rużarju*



pinġa l-Kwadru ta' San Tumas d'Aquino. Ħallset għaliħ Karmela Agius.

Pisani pinġa tlett Kwadri oħrajn żgħar għal din il-Knisja. Dawn huma ta' San Ġużepp, San Rafal u San Esposito.

Hemm ukoll il-Kwadru tal-Isem Mqaddes t'Alla li huwa xogħol tal-artist Giuseppe Cali. Dan kien ġie mogħti lis-sorijiet għal din il-Knisja mill-Patrijiet Dumnikani tal-Knisja tal-Portu Salvo tal-Belt Valletta.

Fil-Knisja hemm l-Istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li għandha storja partikulari. Din kienet inġiebet minn Lecce fl-Italja għal Katidral tal-belt Victoria. Jidher li din ma tantx kienet intgħoġbot u għalhekk wara talba li kienu għamlu l-Kanonċi Dun Salvatore Grech u Dun Carmel Sultana din ingħatat lis-sorijiet Dumnikani għal din il-Knisja. Malajr ġiet meħuda għand l-istatwarju Wistin Camilleri li għamel xi tbdiliet fuqha qabel ma tpoġġiet f'niċċa fil-Knisja. Hemm ukoll statwa sabieħa ta' San Duminku.

Matul is-snin is-sorijiet Dumnikani għamlu minn kollox sabiex id-Devozzjoni lejn il-Madonna ta' Pompei tinfirex sew mal-Gżira Għawdxija.

Dan wassal biex waqt ċerimonja Sollenni li kienet saret fi Pjazza Santu Wistin, il-Kwadru Titulari ġie nkurunat mill-Isqof t'Għawdex; Mons. Ġużeppi Pace nhar is-16 ta' Ottubru 1966.

Dettalji oħra dwar din il-Festa tal-Inkurunazzjoni tal-Kwadru tal-Madonna ta' Pompei nikteb dwarhom fil-ħarġa ta' dan il-Programm tas-sena d'dieħla.

**IL-FESTA T-TAJBA LILL KULLĦADD**




Duncan
Guest House



Duncan Street - Marsaxlokk
Tel: (+356) 79863105

